

32004D0315

6.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 100/43

ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI**tas-26 ta' Marzu 2004**

li tirrikonoxxi s-sistema ta' networks ta' sorveljanza ta' artijiet mikrija għal skopijiet tat-trobbija ta' l-ifrat, adottata fl-Istati Membri jew reġjuni ta' l-Istati Membri skond id-Direttiva Nru 64/432/KEE

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 986)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/315/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar problemi ta' saħħa ta' l-annimali li jaffettaw il-kummerċ ġewwa l-Komunità ta' annimali ta' l-ifrat u l-qżieqż (¹), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva Nru 64/432/KEE, l-annimali tal-ifrat għat-trobbija u l-produzzjoni u li huma intiżi għall-kummerċ iridu jiġu ttestjati individwalment għat-tuberku, il-bruċellosi u lewkosi li taffettwa l-annimali flokalità partikolari, rispettivament, kemm-il darba ma jkunux joriġinaw jew ikunu ġejjin minn Stat Membru jew reġjun tiegħu li jkun uffiċjalment rikonoxxut li huwa ħieles mill-marda rispettiva jew sistema approvata ta' networks ta' sorveljanza tiġi adottata fit-territorju ta' dak l-Istati Membru.
- (2) Franza hija rikonoxxuta bħala ħielsa mit-tuberku ta' l-ifrat u l-lewkosi li taffettwa l-annimali flokalità partikolari skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2003/467/KEE (²) u 97,33 % tal-merħliet ta' l-ifrat kien uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi ta' l-ifrat fil-31 ta' Diċembru 2002.
- (3) Id-Deċiżjoni Nru 2002/907/KEE (³) tikkikonoxxi temporanjament is-sistema ta' sorveljanza tan-networks għall-artijiet fejn jitrabbew l-ifrat li kienu ġew introdotti fi Franza taħt id-Direttiva Nru 64/432/KEE. Dik id-Deċiżjoni teħtieġ li l-approvazzjoni proviżorja tas-sistema ta' sorveljanza tan-networks terġa' tiġi eżaminata qabel it-30 ta' April 2004.
- (4) Verifika magħmulu minn esperti tal-Kummissjoni u dokumentazzjoni approprijata mogħiġi mill-autoritajiet kompetenti Franċiżi juru l-progress li sar biex jiġi żgur li ġewwa Franza qiegħda titħaddem sistema ta' sorveljanza tan-networks għall-artijiet fejn jitrabbew l-ifrat, li għandha l-karatteristiċi kollha biex tħadhem kif suppost.

(¹) ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 21/2004 (ĠU L 5, tad-9.1.2004, p. 8).

(²) ĠU L 156, tal-25.6.2003, p. 77. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni Nru 2004/230/KE (ĠU L 70, tad-9.3.2004, p. 41).

(³) ĠU L 313, tas-16.11.2002, p. 32. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 2004/88/KE (ĠU L 24, tad-29.1.2004, p. 72).

(5) Is-sistema ta' sorveljanza tan-networks għall-artijiet fejn jitrabbew l-ifrat li hija mħaddma fi Franza għandha għalhekk tiġi approvata.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2002/544/KE (⁴) tirrikonoxxi s-sistema ta' sorveljanza tan-networks għall-artijiet fejn jitrabbew l-ifrat adottata fil-Belġju skond id-Direttiva Nru 64/432/KEE.

(7) Huwa xieraq li jiġu elenkti f-deċiżjoni unika l-Istati Membri jew reġjuni ta' l-Istati Membri fejn tkun adottata u approvata sistema ta' sorveljanza tan-networks għall-artijiet fejn jitrabbew l-ifrat, skond id-Direttiva Nru 64/432/KEE.

(8) Id-Deċiżjonijiet Nru 2002/544/KE u Nru 2002/907/KE għandhom għalhekk jiġi mħassra u mibdula b'din id-Deċiżjoni.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanent dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:**L-Artikolu 1**

Is-sistemi ta' sorveljanza tan-networks għall-artijiet fejn jitrabbew l-ifrat adottati skond l-Artikolu 14 tad-Direttiva Nru 64/432/KEE fl-Istati Membri jew reġjuni ta' l-Istati Membri mniżżlin fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma approvati.

L-Artikolu 2

Id-Deċiżjonijiet Nru 2002/544/KE u Nru 2002/907/KE huma mħassra.

(⁴) ĠU L 176, tal-5.7.2, p. 46.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussel, fis-26 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

L-Istati Membri jew reġjuni tagħhom fejn hemm adottata sistema ta' sorveljanza tan-networks għall-artijiet fejn jitrabbew l-ifrat skond l-Artikolu 14 tad-Direttiva Nru 64/432/KEE

| Kowd tal-ISO | L-Istat Membru | Ir-Reġjuni |
|--------------|----------------|---------------------|
| BE | Il-Belġju | It-territorju kollu |
| FR | Franza | It-territorju kollu |